MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Appell Civili - Ghawdex Numru. 2/2012/1

**Nicholas u Diana konjugi Grech**

**Vs**

**V. Sare' & Sons Marbleworks Ltd**

Il-Hamis, 7 ta' Novembru 2013.

Permezz ta' sentenza tat-28 ta' Novembru 2010 din il-qorti hassret sentenza li ta t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi (Ghawdex) fid-9 ta' Marzu 2012, wara li laqghet l-aggravu tas-socjeta appellanti li ma nghatatx l-opportunita' li tiddefendi ruhha meta fis-sentenza t-Tribunal cahad rikors prezentat fid-29 ta' April 2010 u li bih il-kumpannija konvenuta talbet l-isfilz ta' rapport ex parte li l-konjugi Grech ipprezentaw wara li gie pprezentat ir-rapport tal-perit tekniku nkarigat mit-Tribunal. Il-Qorti tal-Appell osservat li ladarba t-Tribunal kien iddecieda li r-rapport ex parte, minkejja l-oggezzjoni tal-kumpannija, kellu jibqa' fl-atti, it-Tribunal *"[….] kellu jaghti opportunita'*

*lill-appellant sabiex jirribatti ghall-istess u dan manifestament ma sarx.”*.

Din is-sentenza titratta l-meritu tal-kaz gialadarba skond l-Artikolu 22(4) tal-Att dwar il-Konsumatur (Kap. 278), meta l-Qorti tal-Appell thassar sentenza tat-Tribunal, hi stess ghandha taqta’ t-talba.

L-atturi talbu l-hlas ta’ tlett elef erba’ mija u erba’ u disghin ewro u sitt centezmi (€3,494.06) li hu parti mill-prezz li hallsu lill-kumpannija konvenuta ghax-xiri u twahhil ta’ irkham fil-blokk ta’ appartamenti Ta’ Salvinu Court, Triq ix-Xaghra, Marsalforn, Zebbug Ghawdex peress li ma kkonsenjatx irham ta’ kwalita’ tajba peress li l-irham ittebba’ wara ftit taz-zmien, kuf ukoll naqset milli tipprovdi materjal ta’ kwalita’ tajba ghax-xoghol tat-twahhil ta’ l-irham u naqset li tizgrua li x-xoghol kollu jsir skond kif jitolbu l-arti u s-sengha. Intalab ukoll li tigi kkundannata thallas €232.94 bhala danni morali.

Il-konvenuta wiegbet li kien il-klijent li ghazel irham tat-tip White Carrara. Irham li ma rrakkomandatx hi ghaliex spjegat lill-klijent li maz-zmien seta’ jinbidel. Ghalhekk gew suggeriti erba’ tipi ta’ granit li kienet lesta taghti garanzija ghalihom. Madankollu l-klijent baqa’ jinsisti fuq l-irham Carrara.

It-Tribunal inkariga perit tekniku li rrelata:-

- L-irham li tpogga mill-konvenuta, fih it-tbajja;
- Qabel sar in-negozju, l-ufficjal tal-kumpannija konvenuta kien gharraf lill-atturi li kien hemm possibilita’ li dak it-tip ta’ rham jizviluppa sfumaturi;
- L-irham jassorbi l-likwidi;
- *“It-tbajja li jirrizultaw f’irham, fosthom tat-tip bianco carrara m’huma xejn ghajr rizultat ta’ process fejn l-irham jigi f’kuntatt ma’ l-ilma, u fejn fl-irham jinzerta jkun hemm materjali ohra fosthom l-iron oxide, dan jimmanifesta ruhu f’kulur lewn iswed, u cioe dawk kif deskritti bhala sfumaturi sofor.”*.
- Dawn it-tip ta’ tbajja ma jfissirx li l-materjal m’huwiex ta’ kwalita’ tajba.

- L-uzu ta’ detergenti tista’ tkun il-kagun tat-tbajja f’dan it-tip ta’ rham, ghalkemm m’hemmx prova li f’dan il-kaz intuzaw.

Il-perit tekniku spjega li kien ghamel access fil-fond fejn twahhal l-irham u sab li t-tarag *“[….] kellu sfumaturi lew isfar/kannella car, evidenti mhux daqs tant fl-alzaturi kemm fil-pedati”*.

F’rapport *ex parte* li pprezentaw l-atturi, l-awtrici tat il-kummenti taghha ghar-rapport li hejja l-perit tekniku. Osservat:

*“Illi huwa veru li dawn it-tbajja huma rizultat ta’ kuntatt tal-ilma mal-irham. Izda minn fejn kien gej dan l-ilma ma giex esplorat u anke l-ebda konsiderazzjoni ma inatat ghall-kumment dwar il-kwalita tar-ramel uzat mill-intimat”*.

Kompliet tghid li:-

- Il-perjodu ta’ zmien li fih bdew jidhru t-tbajja ma giex stabbilit jew investigat;
- Ma nghatat l-ebda raguni ghalfejn it-tbajja kienu fil-pedati u mhux fir-*risers*;

Jirrizulta li fl-20 ta’ Marzu 2007 V. Sare’ & Sons Marble Works Ltd harget kont ghall-bejgh u twahhil ta’ irham White Carrara. Il-hlas sar fit-28 ta’ April 2007.

L-atturi jsostnu li:-

i. It-tbajja tfaccaw wara xi tlieta jew erba’ gimghat li twahhal. Min-naha l-ohra Roberta’ Sare xehed li l-ilment sar xi sena wara li tlesta x-xoghol. Il-qorti ghandha verzjonijiet kontrastanti, u mill-affidavits li gew prezentati m’hijiex f’posizzjoni li tasal ghal konkluzjoni dwar min mill-partijiet qal il-verita’.
ii. Meta lmentaw dwar it-tbajja’, Robert Sare’ qalilhom li seta’ kien minhabba l-kwalita’ tat-tarag ghaliex ir-ramel li kien hawn fis-suq ma kienx ta’ kwalita’ tajba. Robert Sare qal li mar fil-post u ra x’kien l-ilment tal-atturi, kien

fakkarhom li dakinhar li ghamlu l-ordni kien qalilhom *“[….] maz-zmien jista’ jibdel il-kulur tieghu u jisfar.”*.

L-ilmenti tal-atturi huma li:-

(a) l-irham ma kienx ta’ kwalita tajba ghaliex ittebba’ wara ftit taz-zmien; u
(b) ma ntuzax materjal ta’ kwalita’ tajba.
(c) il-konvenuta naqset milli tizgura li x-xoghol isir skond is-sengha u l-arti.

L-oneru tal-prova qieghed fuq l-atturi.

M’hemmx dubju li l-materja hi ta’ natura teknika u ghalhekk f’kazijiet bhal dawn il-qorti tiddependi minn opinjonijiet teknici.

Wara li l-qorti rat l-atti taghmel dawn l-osservazzjonijiet:-

i. Il-perit tekniku spjega li l-irham huwa poruz, u *“[….] wiehed jinnota diversi pavimenti tat-tip bianco carrara li maz-zmien jizviluppaw tali tbajja,* ***u bl-ebda mod ma jista’ jigi nferit li meta tali tbajja jizviluppaw, ir-raguni tkun illi l-materjal ma jkunx ta’ kwalita tajba****”* (enfazi tal-qorti). Il-perit tekniku qal ukoll li t-tbajja fl-irham m’huma, *“[…] xejn ghajr rizultat ta’ process fejn l-irham jigi f’kuntatt ma’ l-ilma, u fejn fl-irham jinzerta jkun hemm materjali ohra fosthom l-iron oxide, dan jimmanifesta ruhu f’kulur lewn is-sadid, u cioe’ dawk kif deskritti bhala sfumaturi sofor”*. Opinjoni li hi prova u fil-fehma tal-qorti ma gietx kontradetta. Il-qorti ma tistax tiskarta din il-fehma meqjus li m’hemmx prova li tikkontradixxi dak li qal il-perit tekniku. Anzi l-perit inkarigata mill-atturi kkonfermat li: *“6. Huwa veru li dawn it-tbajja huma rizultat ta’ kuntatt tal-ilma mal-irham”*. Ghaldaqstant, ‘l fatt li hargu t-tbajja ma jfissirx li l-irham huwa difettuz.

ii. Ma giex determinat li t-tbajja fl-irham hargu minhabba t-tahlita li ntuzat biex twahhal l-irham. Ghalkemm issemma li t-tbajja deheru fil-pedati biss, hemm ukoll postijiet, ghalkemm mhux hafna, fejn jidhru tbajja fir-risers. Inoltre, kif rat il-qorti waqt l-access li sar fil-

5 ta’ Lulju 2013, it-tbajja m’humiex fil-pedati kollha tat-tarag. Ukoll jekk għall-grazzja tal-argument Robert Sare’ kien qal lill-atturi li t-tarag *“[….] seta’ qiegħed jittebba’ minħabba r-ramel għaliex ir-ramel li kien hawn fis-suq u li kien qiegħed jintuża minn kulħadd ma kienx ta’ kwalita’ tajba.”*, din m’hijiex prova li t-tbajja ħargu minħabba l-materjal li ntuża. Il-kliem *“seta’ qiegħed jittebba”*, hi biss possibilita’. Jekk il-materjal li ntuża fit-taħlita kien difettuż, x’inhi r-raġuni li t-tbajja m’humiex fil-pedati kollha ? Fl-atti m’hemmx tweġiba għal din id-domanda. Fil-fehma tal-qorti meta tqies il-provi li hemm fl-atti, jekk kellha tikkonkludi li t-tbajja li hemm fl-irħam huma minħabba taħlita difettuża, tkun qegħda tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq spekulazzjoni. Ħaġa li ma tistax tagħmel.

iii. Għal dak li jikkonċerna dwar jekk ix-xogħol sarx skond is-sengħa u l-arti, m’hemmx prova li x-xogħol li għamlet il-kumpannija konvenuta kien difettuż fis-sens li t-tqegħid wassal sabiex partijiet mill-irħam jittebbaw minħabba kuntatt ma’ ilma, li ġie identifikat bħala s-sors għat-tbajja li tfaċċaw. Il-preżenza ta’ tbajja f’partijiet mill-madum, meqjus ukoll dak li rrelata l-perit tekniku, ma jissarrafx f’preżunzjoni li x-xogħol sar mhux skond is-sengħa u l-arti.

Fiċ-ċirkostanzi l-qorti m’hijiex sodisfatta li l-atturi rnexxielhom jagħtu prova li l-irħam u l-materjal li ntuża kienu difettużi, u li x-xogħol li għamlet il-konvenuta ma kienx skond is-sengħa u l-arti. Il-qorti ser tillimita ruħha biex tiddeċiedi dwar l-ilment kif propost mill-atturi fl-avviż li ressqu. Għaldaqstant tiċħad it-talba tal-appellanti.

Spejjeż a karigu tal-atturi, b’dan li l-ispejjeż relatati mas-sentenza tat-28 ta’ Novembru 2012 tibqa’ bla taxxa bejn il-partijiet, ġialadarba qabel it-Tribunal iddiferixxa l-kaz għas-sentenza, il-konvenuta kellha kull opportunita’ li tinsisti li jingħata provvediment dwar ir-rikors li kienet ippreżentat għall-isfilz tal-kumment tal-perit *ex parte*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------